MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 993/2004

Kawza fil-lista: 37

**Avukat Luigi A. Sansone bhala mandatarju specjali ta' s-socjeta' estera Guccio Gucci s.p.a., registrata fir-Registru ta' l-Imprizi ta' Firenze, bin-numru 03031300159, ta' Via Tornabuoni n.73/r, Firenze l-Italja**
**Vs**
**Carmelo sive Charles Filletti**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur nomine ippremettiet:

Peress illi s-socjeta' attrici hija proprjetarja ta' t-*trademarks* famuzi "GUCCI" u "GG", *inter alia* dwar artikli ta' gilda u imitazzjoni gilda fosthom kartieri, u dawn it-*trademarks* jinsabu registrati f'diversi pajjizi fosthom Malta u huma debitament uzati minnha fil-kors ta' l-kummerc taghha;

Premess illi ghaldaqstant bil-hila u bl-invenzjoni taghha, kif ukoll b'hafna sagrificcju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament konsiderevoli kemm fuq is-suq barrani kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni ma' t-*trademarks* taghha GUCCI u GG;

Premess illi fit-23 ta' Novembru 2004 is-socjeta' attrici giet a konoxxenza ta' l-fatt li waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artiklu 4 ta' l-Att ta' l-2000 dwar Drittijiet ta' Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 ta' l-Edizzjoni Riveduta ta' l-Ligijiet ta' Malta), il-Kontrollur tad-Dwana kien issospenda r-rilaxx ta' diversi oggetti konsistenti f'hames kartieri gewwa kontenituri, rispettivament bis-sinjali GUCCI u GG, liema oggetti waslu fid-Dwana ghar-rilaxx favur il-konvenut u *prima facie* dehru car lill-istess Kontrollur ta' d-Dwana li kienu jikkontravvjenu dritt ta' proprjeta' intellettwali;
Premess illi l-oggetti hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita' ta' l-Kontrollur ta' d-Dwana huma fil-fatt kontrafizzjonijiet li jikkontravvjenu d-drittijiet ta' s-socjeta' attrici;

Premess illi s-socjeta' attrici nghatat opportunita' sa' t-23 ta' Dicembru 2004 sabiex tinforma lill-Kontrollur tad-Dwana li nbdew procedimenti civili gudizzjarji fil-konfront ta' l-konvenut;

Premess illi s-socjeta' attrici ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja stante li altrimenti l-uzu llecitu ta' s-sinjali GUCCI u GG da parti ta' l-konvenut jkollu l-effett li jittiehed vantagg illecitu fuq – u jkun detrimentali ghax-xorta distintiva u ghar-reputazzjoni ta' – it-*trademarks* ta' s-socjeta' attrici;

Premess illi l-azzjonijiet ta' l-konvenut jiksru d-disposizzjonijietta' l-artiklu 10(1) u 10(2)(b) ta' l-Kap. 416 ta' l-Edizzjoni Riveduta ta' l-Ligijiet ta' Malta u huma azzjonabbli skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikli 14 sa 19 ta' l-istess Att. Inoltri, japplikaw ukoll ghall-fatti ta' dan il-

kaz id-disposizzjonijiet ta’ l-artiklu 8(1) ta’ l-Kap. 414 hawn qabel imsemmi;

Premess illi ghalkemm debitament interpellat verbalment sabiex volontarjament jeqred l-artikli in kwistjoni a spejjez tieghu, il-konvenut baqa’ inadempjenti nonostante li affirma li jaqbel li dan ghandu jsir;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet hawn qabel premessi m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’hames kartieri u kaxxi ghall-istess kartieri, ilkoll bis-sinjal GUCCI u GG u li jinsabu prezentement taht l-awtorita’ ta’ l-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ s-socjeta’ attrici fir-rigward ta’ t-*trademarks* taghha GUCCI u GG;

2. tordna lill-Kontrollur ta’ d-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti ’l-hinn mill-kanali ta’ l-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta’ attrici, jew tordna lill-Kontrollur ta’ d-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil u ghas-spejjez ta’ l-konvenut;

3. tiehu u tordna lill-Kontrollur ta’ d-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenut mill-beneficcji ekonomici ta’ t-transazzjoni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ l-attur nomine;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u b’hekk baqa’ kontumaci;
Semghet ix-xhieda prodotti mill-attur;

Semghet s-sottomissjonijiet tal-attur nomine;

Ezaminat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta sodisfacentement pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur nomine kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------